**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anthony Portelli]**

**vs**

**Jonathan Grech**
**George Grech**

**Kumpilazzjoni Numru: 926/2010**

**Illum, 29 ta' April, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jonathan Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 22481G u kontra George Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 18950G akkuzati:

Lil Jonathan Grech wahdu:

Talli f'xi hin bil-lejl ta' bejn it-7 u it-8 ta' Settembru, 2000 gewwa l-Vecca San Pawl il-Bahar, volontarjament ta n-nar lill-bastiment bl-isem 'Comino Princess' bil-konsegwenza li l-istess hruq qabbad banda ohra u cieo` lanca tas-sajd bl-isem 'Santa Maria F75', u dan sar ghad-dannu ta' Andrew Schembri u Emmanuele Sant rispettivament u/jew persuni ohra;

Lil Jonathan Grech u George Grech:

Talli gewwa San Pawl il-Bahar fis-26 ta' Settembru, 2007 u fiz-zmien ta' qabel, irrendew ruhhom komplici ma' persuna jew persuni fir-reat ta' hruq ta' bastiment bl-isem 'Mermaid', billi b'xi mod, xjentement, ghenu jew assistew lil awtur jew l-awturi tar-reat, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, u dan ghad-detriment ta' Paul Zammit u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tittratta lill-imputat George Grech li sar recediv ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, datata 4

ta' Ottubru 2002 moghtija lilu mill-Magistrat Dott. Giovanni Grixti LL.D. liema sentenza saret defenittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputati u cioe`:

Fil-konfront ta' Jonathan Grech wahdu:

Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikolu 317(a)(ii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' George Grech wahdu:

Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Jonathan Grech u George Grech:

Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-artikoli 42, 43, 318 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja -Verbal tal-24 ta' Gunju 2013 a fol. 475 tal-atti processwali.

Rat il-fedina tal-imputat Jonathan Grech li hija wahda refrattarja;

Rat il-fedina tal-imputat George Grech li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrijiet tal-imputati;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat hruq da parti ta' Jonathan Grech ta' zewg bastimenti bl-ismijiet 'Comino Princess' u 'Santa Marija' fis-sena elfejn (2000) mentri Jonathan Grech u George Grech allegatament flimkien irrendew ruhhom komplici ma' persuna jew persuni fir-reat ta' hruq ta' bastiment bl-isem 'Mermaid' fis-sena elfejn u sebgha (2007).

Illi l-Ufficjal Prosekutur, l-**Ispettur Anthony Portelli,** qal li ghal nofs Awwissu tas-sena 2010 kien baghat ghalih is-Supretendent

Carmelo Magri fejn qallu li kellu kaz li kien bdieh fis-sena 2007 li jikkoncerna hruq ta' dghajsa bl-isem 'Mermaid' li kienet sorguta fis-27 ta' Settembru 2007 fejn dakinhar kienu arrestaw bhala suspettat lil certu Joswil Galea fejn kien ammetta li haraq id-dghajsa billi tefghalha xi petrol. Is-sid tad-dghajsa 'Mermaid' kien certu Paul Zammit. Skont l-Ispettur Joswil Galea ma riedx jizvela r-raguni ghal dak li ghamel. L-istess Joswil Galea kien tressaq quddiem il-Magistrat Dott. Miriam Hayman LL.D. fejn fost is-seduti kien hemm konfront mal-imputat George Grech fejn gie allegat li kien hu li kien qabbad lil Joswil Galea biex jahraq id-dghajsa ta' Paul Zammit. Joswil Galea kien tkellem mal-Ispettur Carmelo Magri fejn kien qal li kien qabdu Jonathan Grech ghax sid id-dghajsa kellu xi tilwim ma' missieru. Qal li ghal din il-bicca xoghol talab Lm350 fejn huwa rikeb fuq id-dghajsa Romantika maz-zewg imputati fejn haduh hdejn id-dghajsa Mermaid biex jindikawlu liema dghajsa jrid jahraq. Skont l-Ispettur, Joswil Galea qal li Jonathan kien qallu biex joqghod attent ghax meta kellu tmintax-il sena kien haraq dghajsa li kienet il-Vecca ta' persuna li kellu xi jghid ma' missieru u kien wegga'.

L-Ispettur kompla jixhed li l-kaz li semma Joswil Galea ta' dghajsa li kienet il-Vecca tmur lura ghat-8 ta' Settembru 2000 fejn kienet inghatat in-nar *tourist boat* bl-isem Comino Princess fejn hdejha kien hemm ukoll *fishing boat* bl-isem Santa Marija F75 li garbet xi hsarat minn xi nar li kien tar. Il-Comino Princess kienet giet meqruda totalment. Jonathan Grech gie mitkellem mill-Pulizija (kif gie infurmat mill-Ispettur David Galea) xi jiem wara fejn kellu xi hruq fuq wiccu u idejh izda kien allega li l-hruq tieghu gabhom fis-7 ta' Settembru mhux fit-8 ta' Settembru. Jonathan qal li kien qed isahhan xi *pipe* tal-*exhaust* fuq id-dghajsa ta' missieru u kien inharaq. Qal li kellu lil Clifford Attard u lil Christopher Coleiro bhala alibi. L-Ispettur qal li minhabba f'hekk beda billi investiga lil dawn iz-zewg alibi fejn Clifford Attard meta gie mitkellem qal li kien jaf li missier Jonathan kellu xi *disputes* ma' sid id-dghajsa Comino Princess certu Andrew Schembri. Minn hemmhekk l-Ispettur qal li kkonferma l-informazzjoni li kien tah is-Sur Magri u ghalhekk arresta lill-imputati. Qal li Jonathan Grech kien ghazel li jitkellem ma' Dr. Arthur Azzopardi li kien mar il-*lock up* u kellmu hemmhekk mentri George Grech qal li ma xtaqx jikkonsulta ma' avukat (dikjarazzjoni ta' rifjut esebit bhala Dok. AP1).

L-Ufficjal Prosekutur esebixxa l-istqarrijiet tal-imputati li gew immarkati Dok. AP2 u AP3. Esebixxa wkoll rapporti li kienu saru minn Christopher Sant u Andrew Scembri liema rapporti saru fis-sena elfejn (2000) li gew immarkati Dok. AP4 sa AP8.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat **Jonathan Grech** (a fol. 60 et seq) qal li huwa jahdem ma' missieru bil-bastimenti tat-turisti w'ilu jahdem ma' missieru minn mindu kien zghir. Lil Joswil Galea qal li ilu jafu xi hames snin u gieli hareg jixrob mieghu. Qal li qatt ma kellu xi jghid ma' Joswil izda gieli kienu ser jigu fl-idejn ghaliex Joswil ikun fis-sakra u jghid li Jonathan jaharbu u dan ghaliex meta Joswil ikun fis-sakra jaqbad il-fliexken u jkissirhom ma' rasu. L-imputat innega li meta kien qed jixrob ma' Joswil gewwa Paceville stiednu biex jaghmillu pjacir u jahraq dghajsa ghaliex missieru kellu argument mas-sid taghha. Huwa kompla jinnega dak kollu li beda jissugerixxi l-Ispettur. Jonathan Grech ikkonferma li missieru ghandu bastiment tat-turisti bl-isem Romantica u li dan jorbot mal-moll ta' Bugibba. Huwa nnega li missieru kien wera lil Joswil id-dghajsa li kellu jahraq. Innega wkoll li kien qallu li kien wegga' meta kellu tmintax-il sena meta haraq dghajsa. Huwa kkonferma li kien icempel fuq il-*mobile* ta' omm u missier Joswil ghaliex Joswil

kien icempillu fuq *mobile* ta' haddiehor u kien jghidlu biex icempillu. L-imputat qal li ma jafx ghalfejn Joswil qieghed jghid dan id-diskors fuqu u fuq missieru. Huwa qal li jaf is-sid tal-bastiment Comino Princess u cioe` Andrew Schembri u kkonferma li kemm hu u anki missieru kellhom problemi ma' Andrew Schembri. Ikkonferma wkoll li kellhom problemi mieghu anki fis-sena 2000 u z-zmien ta' qabel. L-imputat pero` nnega li qal lil Joswil li hu kien haraq id-dghajsa Comino Princess. Huwa kkonferma l-istqarrija tieghu li kien ghamel fil-21 ta' Settembru 2000 meta kien gie investigat mill-Ispettur David Galea. Huwa qal li nharaq ghax kien fuq l-art hdejn ir-Romantica u ghax kien qed isahhan *pipe*. L-imputat qal li dak iz-zmien mhux hu izda missieru kellu problemi mal-*partner* ta' Andrew Schembri, certu Chris Sant. L-imputat qal li m'ghandux problemi ma' Clifford Attard u ma' Christopher Colerio. L-imputat qal ukoll li s-sid tal-bastiment Mermaid, Paul Zammit, jafu u qal li missieru kellu l-problemi mieghu u mhux hu. Huwa nnega li missieru kien qabdu jahraq il-Comino Princess ghaliex kellu problemi ma' Andrew Schembri u Chris Sant u nnega wkoll li zmien wara missieru talbu biex isiblu xi hadd biex jahraq il-bastimet Mermaid fejn kien qabbad lil Joswil

Galea. L-imputat qal li n-numru tal-mobile tieghu huwa 99450855 w'ilu juza dan in-numru ghal madwar seba' snin.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat **George Grech** (a fol. 66 et seq) qal li n-numru tal-*mobile* tieghu huwa 99474168 u ghandu numru iehor li jibda 79 pero` ma jafux. Huwa kkonferma li jahdem bil-bastimenti tat-turisti u li ghandu dghajsa bl-isem ta' Romatica li fis-sena 2007 kien normalment jirmiggaha Bugibba. Meta gie muri ritratt ta' Joswil Galea qal li kien rah il-Qorti meta kkonfrontawh mieghu quddiem il-Magistrat. Qal li qatt ma kellu problemi ma' Joswil u fil-fatt qatt ma rah b'ghajnejh hlief fil-Qorti. L-imputat qal li m'ghandu l-ebda ideja tal-affarijiet li semma' l-Ispettur u cioe` li kien ha lil Joswil vicin il-bastiment Mermaid biex jurih liema dghajsa ried jahraq. Huwa kompla jinnega dak kollu li ssugerixxa l-Ispettur fejn rega' qal li lil Joswil l-unika darba li kien iltaqa' mieghu kien il-Qorti. Huwa qal li sid il-bastiment Mermaid, cioe` Paul Zammit, jafu u dak iz-zmien qabel ma nharqet id-dghajsa tieghu ma kinux jitkellmu ghax kien ghamillu mandat ghal Lm25,000 inkella jehodlu d-dghajsa peress li kien bieghlu l-Mermaid u ma kienx hallsu. Kompla jghid li sfortunatament il-Mermaid inharqet u ma setax ikompli jiggieled biex jehodielu.

Qal li lil Andrew Schembri u lil Chris Sant jafhom ukoll peress li jahdmu bid-dghajsa tat-turisti Comino Princess. Ikkonferma li kellu xi jghid maghhom ghax darba mbuttawh il-bahar peress li ma rieduhx jahdem Bugibba Square. Jghid li kellu problemi zghar maghhom, mhux kbar anki fis-sena 2000 u qabel. Qal li ma' Clifford Attard ma jafx li kellu problemi izda kien ikollu xi letikazzjoni fuq ix-xoghol. Huwa qal li ma kellu xejn x'jaqsam mal-ebda kwistjonijiet ta' hruq ta' dghajjes. Zied jghid li dak iz-zmien meta nharqu d-dghajjes tal-Vecca jaf li kellu *pipe* li kien qed jahdem fuqu Jonathan li kien inharaq izda hu ma kienx hemm.

Xehed **Paul Zammit** li qal li fis-26 ta' Settembru 2007 mar jorqod bejn it-Tlieta u l-Erbgha fejn martu sabet xi *missed calls* fit-3:45am minghand George Grech fejn George qallu li l-Pulizija kienu qed jipprovaw iqabduh. Meta cempel l-ghassa tal-Qawra qalulu li qabdu min haraqlu d-dghajsa u dan meta x-xhud stess ma kienx jaf li kienu harqulu d-dghajsa. Huwa kkonferma li d-dghajsa li nharqet kienet tieghu u bhala dannu kien hemm xi €21,000. Huwa qal li kien juza d-dghajsa bhala xoghlu biex jiehu t-turisti minn Bugibba ghall-Blue Lagoon. Huwa qal li jaf lill-imputati peress li kien xtara d-dghajsa tieghu minghand George

Grech. Huwa kien qal lil George Grech li ma setax ihallsu peress li minn stagun shih id-dghajsa hadmet biss tlett gimghat u George qallu li ghal dik is-sena ma ried xejn u biex jibda jhallas minn sena ohra. Qal li dak kien il-ftehim pero` kienu ftiehmu bil-kliem biss u fil-fatt ma kien hemm xejn bil-miktub. Huwa qal li qabel li nharqet id-dghajsa kienu qishom kelb u qattus ghax ma jkunx jista' jarah. Tliet ijiem qabel ma nharqet id-dghajsa kien hemm sitt min-nies fuq il-moll iduru d-dghajjes fejn George Grech tahom il-prezz ta' Lm4.50c flok Lm5 u meta waslu ghad-dghajsa tieghu qalulu li l-iehor kienu tawh il-prezz orhos fejn ix-xhud qalilhom *"if you want to come on my boat with the same money, come."* F'salt wiehed gie hdejhom George Grech u qabad wahda minnhom minn spallejhom u qalilha: "*not this boat, not this boat. That boat.*" Ix-xhud qal lil George biex ihallihom fejn George Grech qallu l-kliem: *"issa tara x'ha naghmillek.*" Wara sab id-dghajsa mahruqa. Huwa qal li l-assigurazzjoni kienet ghenitu. Qal ukoll li Joswil Galea qatt ma rah u ma jafux. In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li hemm kawza civili pendenti bejnu u s-Sur Grech.

Xehed ukoll is-**Supretendent Carmelo Magri** li qal li dakinhar tas-26 ta' Settembru 2007 huwa kien xoghol fejn kienu qabdu lil Joswil

Galea li kien kollu mahruq u ttiehed l-Isptar ghall-kura fejn fil-5 ta' Novembru 2007 kien hadlu stqarrija fejn ammeta li kien involut fil-hruq tad-dghajsa Mermaid. Fl-20 ta' Ottubru 2009 Joswil Galea qal lix-xhud li kienu l-imputati Jonathan u George Grech li kienu hajruh biex jahraq id-dghajsa. Joswil qallu li Jonathan Grech kien joqghod jigri warajh fejn qallu wkoll li m'ghandux ghalfejn jinkwieta ghax huwa diga` kien ghamel din il-bicca xoghol. Ix-xhud qal li ladarba sema' hekk hareg *file* fejn kienu nharqu zewg dghajjes b'mod misterjuz. Fil-*file* Magri qal li sab stqarrija ta' Jonathan Grech fejn dakinhar kellu xi hruq f'idejh u f'gismu. Ix-xhud esebixxa zewg *tape cassettes* (Dok. CM1 u CM2) li gew mghoddija lilu minn Paul Zammit ftit wara li nharqet il-Mermaid biex isahhah l-investigazzjoni u jressaq il-mandati ghaliex diga` kellu bizzejjed provi biex iressaq lil Joswil Galea. Il-Qorti nnominat lil Dr. Daniela Mangion sabiex taghmel traskrizzjoni ta' dawn it-*tapes*.

Xehed ukoll **Dr. Joseph Briffa** li qal li huwa konsulent fil-kirurgija plastika fejn qal li huwa kien ra lil Jonathan Grech fil-privat gewwa l-Isptar St. Philip's u dan fil-11 ta' Settembru 2000. Min-notamenti tieghu qal li kienu rawh il-gurnata ta' qabel u dehrilhom li riedu

opinjoni ta' specjalista u allura kkuntattjawh. Meta rah l-imputat qallu li kien inharaq meta kien hemm nar fuq dghajsa izda ma tahx iktar dettaliji minn hekk. Zied jghid: *"Jigifieri kullma naf jiena illi skond hu xi fuel, xi petrol qabad fuq dghajsa. Kellu hruq superficjali fuq in-naha tax-xellug ta' wiccu, fid-drieh tal-lemin u fuq in-naha tax-xellug ta' zaqqu."* Huwa qal li fl-opinjoni tieghu meta rah fil-11 ta' Settembru 2000 il-griehi *"kienu friski mhux hazin ... qeghdin nghidu kwistjoni probabli ta' gurnata jumejn."* Peress li ghaddew ghaxar snin ix-xhud ma setax jiftakar lill-imputat minn wiccu. Ix-xhud ipprezenta Dok. JB1 (a fol. 99) u kkonferma li dan id-dokument inhareg minnu stess.

Xehed **PS 46 Charlot Casha** li kkonferma r-relazzjoni tieghu a fol. 65 et seq fejn kien gie nkarigat bhala *Scene of Crime Officer* sabiex jiehu ritratti dwar hruq ta' zewg opri tal-bahar.

Xehed **PS 874 Patrick Zammit** li kien mar immedjatament fuq il-post fit-8 ta' Settembru 2000 fejn sab zewg dghajjes qed jaqbdu. Qal li fuq il-post kien gie certu Andrew Schembri li kien qallu li kien ghadu kif spicca minn *barbeque* ma' xi hbieb tieghu u ghall-habta tas-siegha halla d-dghajsa fuq il-moll tal-Vecca. Qallu wkoll li dan

l-ahhar kien dejjem jaghmel *spot checks* biex jara u jkun cert li tefa' l-*main* u kien ghamel l-istess dakinhar u wara telqu 'l hemm. Huwa gie fuq il-post ghaliex sar jaf li kien hemm spluzjoni. Schembri kien semmielu li forsi seta' kienet involuta l-familja Grech. Meta kien qal b'dan lill-Ispettur David Galea jiftakar li l-Ispettur kien baghat ghas-Sur Grech imbaghad kien qed ifittxu lil Jonathan Grech li skont Andrew ma kienx qed johrog mid-dar ghax kellu xi hruq fis-suf t'ghajnejh. Skont ix-xhud, Andrew Schembri u s-sinjuri Grech kienu dejjem imqabdin ma' xulxin fejn daqqa kien jigi s-Sur Grech l-ghassa u daqqa Andrew Schembri. Ix-xhud gharaf lill-imputati fl-awla. Ix-xhud esebixxa *incident report* tat-8 ta' Settembru 2000 (Dok. PZ1).

Xehed ukoll **Andrew Schembri** fejn qal li kellu lanca bl-isem Comino Princess u cemplulu filghodu biex jghidulu li kienet qed taqbad. Dan kien fit-8 ta' Settembru 2000. Id-dghajsa dak iz-zmien kienet gietu xi erbghin elf lira Maltin (Lm40,000). Ix-xhud qal li dak iz-zmien lill-Pulziija kien qalilhom li kien hemm argument ma' George Grech u Jonathan Grech izda ma jafx x'gara fil-kaz ghaliex ghadhom ghaddejin bil-Qorti. Ix-xhud gharaf lill-imputati u qal li mat-tnejn li huma kellu xi jghid.

Xehed **Emanuel Sant** fejn qal li kellu lanca tas-sajd armata b'kollox li kienet nharqitlu fit-8 ta' Settembru 2000. Din il-lanca kien jisimha Santa Marija. Qal li nharqet peress li d-dghajsa ta' hdejha, Comino Princess, kienet inharqet u bir-rih tar in-nar fuq id-dghajsa tieghu. Skont ix-xhud id-dghajsa tieghu kienet tiswa' iktar minn erbghin elf lira Maltin (Lm40,000). Qal li wara li kienet inharqet kien ser jiskrappjaha izda talabhielu George Grech u fil-fatt tahielu. Ix-xhud gharaf lil George Grech fl-awla. Huwa qal li ma jafx kif kienet ir-relazzjoni bejn George Grech u sid id-dghajsa l-ohra li nharqet peress li l-mestier taghhom kien differenti.

Xehed **Clifford Attard** li qal li minn dak li jiftakar li kien kellmu l-Ispettur rigward l-incident li kellu Jonathan Grech peress li kien rah mahruq izda l-gurnata ma jiftakarhiex. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla. Zied jghid li ralu jdejh "*naqra hamra*". Qal ukoll li jaf li kienet inharqet dghajsa tal-kumpanija Sea Star pero` ma jiftakarx l-isem tad-dghajsa. Zied jghid li kien ra lil Jonathan Grech b'idejh hamra dakinhar tal-incident pero` "*qabel ma sehh l-incident.*" Qal ukoll li meta gie mitkellem ricentement zied mal-verzjoni tieghu fejn qal: *"meta ergajt rajtu kien jidher mahruq izjed … kellu jdejh*

*l-ohra u wiccu.*" Huwa qal li kien rega' ra lil Jonathan Grech l-ghada jew jumejn wara l-incident.

Xehed ukoll **Christopher Sant** fejn qal li kellu jhalli x-xoghol tieghu peress li kien jopera dghajsa ghall-garr tat-turisti u din id-dghajsa fit-8 ta' Settembru 2000 hadet in-nar u spiccat ghal kollox. Qal li huwa kien *partner* ma' Andrew Schembri fejn kien parti mill-kumpanija Sea Star Cruises. Qal li dak iz-zmien kellu tilwim ma' George u Jonathan Grech li gharaf fl-awla bhala l-imputati. It-tilwim taghhom kien ikun fuq xoghol fejn qal li forsi l-imputati hassew bhala theddida l-fatt li x-xhud kien ghamel dghajsa gdida u kien nizzilha f'Gunju. Ix-xhud qal li l-imputati kienu jargumentaw maghhom anki bl-idejn u fil-fatt hemm rapporti f'dan is-sens. Ix-xhud ikkonferma r-rapporti esebiti bhala Dok. AP4 u AP5 fejn huwa kien irrapporta lil George Grech.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-proces verbal fejn il-Profs. Alfred J Vella gie nominat biex jinvestiga, jisma' x-xhieda u jirrelata dwar il-hruq ta' zewg lanec li kienu marbutin f'post maghruf bhala "Il-Vecca" li gara fit-8 ta' Settembru 2000 ghall-habta tat-3am. L-espert irrelata li l-lanca Comino Princess kienet gherqet mentri l-

ohra li jisimha Santa Maria kienet ghadha fil-wicc mimlija bl-ilma. Dawn il-lanec kienu jinsabu hdejn xulxin.

Xehed il-**Professur Alfred Vella** li kkonferma r-rapport maghmul minnu inkonnessjoni mal-inkjesta dwar il-hruq ta' Comino Princess. L-espert qal li dak iz-zmien huwa kkonkluda illi n-nar probabbilment kien ikkawzat minn *short* elettriku u dan "*fl-assenza at the time ta' provi li setghu jindikaw li kien hemm xi foul play."* Ix-xhud ma setax jghid jekk is-*short* sar b'mod naturali jew jekk sar bl-indhil ta' persuna. In kontro-ezami l-espert tal-kimika qal li ma sabux evidenza ta' *diesel* jew *petrol* fis-superfice tal-bahar. Qal ukoll li huwa wasal ghal din il-probabbilta` peress li kien "*hemm zewg main switches in all fairness u tnejn kienu mixghulin. Wiehed minnhom ma kellu ebda sinjali li kien garrab xi hsara through shorting. L-iehor kien jidher li kien garrab dik it-tip ta' hsara*."

Gie esebit kopja tal-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr. Silvio Meli li kien prezentat fl-atti 'Ir-Repubblika kontra Joswil Galea' li gie mmarkat bhala Dok. FC1 (a fol. 186 et seq) dwar hruq ta' lanca bl-isem Mermaid. Mill-istess jirrizulta li Joswil Galea kien ammetta

li kien huwa li haraq il-lanca msemmija wara li kellu argument ma' sid il-lanca Paul Zammit. Sussegwentement il-Profs. Alfred Vella esebixxa r-relazzjoni tieghu fl-atti tal-istess inkjesta liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. AV1 (a fol. 259). F'dan ir-rapport l-espert ikkonkluda li n-nar ma kienx origina accidentalment. L-espert ha wkoll il-verzjoni ta' Joswil Galea fejn ammetta li kien huwa li haraq id-dghajsa Mermaid. L-espert qal li l-verzjoni ta' Joswil Galea rigward in-nar hija veritiera izda ma sabx kredibbli l-fatt li Joswil Galea qal li ma jiftakarx ir-raguni ghaliex kellu xi jghid ma' Zammit, sid il-Mermaid. Jikkonkludi billi jghid: "*Il-fatt li Zammit ma semma xejn dwar inkwiet ma' Galea tkompli issahhah il-konkluzjoni li Galea ma kellux xi jghid ma' Zammit u li l-arson sar ghaliex x'aktarx li kien hemm xi persuna li qabdet lil Galea jaghmel dak li kien ghamel. Paul Zammit semma' lil certu Gorg Grech u qal li kien jissuspetta fih peress li kellu xi jghid mieghu u ma kienx ikellmu. Il-Pulizija ghandha tinvestiga kif Grech sar jaf bil-fatt li l-Pulizija riedet tkellem lil Zammit dwar in-nar li kien sehh fuq il-lanca. Huwa importanti li wiehed jistabilixxi l-hin li fih Grech kien cempel lil Zammit u ghaliex dan il-persuna (Grech) kien informat daqshekk fil-hin ta' dak li kien ghadu kemm gara*

*tant li seta' jikkomunika ma' Zammit anke qabel ma rnexxielhom jaghmlu dan il-Pulizija.*"

Xehed ukoll **Perit Richard Aquilina** li kkonferma l-pjanta li kien hejja tal-post inkluz il-posizzjoni tad-dghajjes Comino Princess u Santa Marija.

Xehed l-Ispettur **Joseph Mercieca** li qal li l-imputati, li huwa gharaf fl-awla, ilu jafhom mis-sena 1991 sakemm spicca mid-distrett tal-Qawra fis-sena 2004. Qal li kien hemm diversi problemi ma' Andrew Schembri u xi hadd Sant u kien hemm problemi anki ma' persuni ohra u dawn baqghu sejrin hekk prattikament tul is-snin kollha li kien stazzjonat l-ghassa tal-Qawra.

Xehed **Anthony Caruana Sterling** li kien *Port Officer* il-*Malta Maritime Authority*. Qal li jiftakar li kien hemm zewg lanec u peress li kien hemm il-Pulizija qal li iktar ta' kaz ghall-*oil spill*. Qal li kien hemm ammont ta' *diesel* fil-bahar izda rnexxielhom izommuh milli jigri. Dan kien fis-sena elfejn (2000) fuq il-moll tal-Vecca.

Xehdet ukoll **Dr. Daniela Mangion** li ghamlet traskrizzjoni u traduzzjoni tat-*tapes* li gew esebiti (Dok. DM1). Il-Qorti tinnota li minn din it-traskrizzjoni ma jistax jigi determinat min qieghed jitkellem. Ir-referenzi li jistghu jkunu ta' rilevanza ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

*"Qed tghid li jrid jiehu l-Mermaid mill-ilma?"*

*"Iva mod jew iehor ser jehodha. Hu ser jehodha jew billi ma tergax tinzel fl-ilma jew bil-hila tal-Qorti."*

*"Bit-tehid tad-dghajsa u li jerriqha li qal li ser jaghmel, dan x'ghandu x'jaqsam mieghi?"*

*"… Qal minghajr tlaqliq fil-bar Flamingo li mod jew iehor id-dghajsa ser terga' tispicca ghandu. Ser inehhi d-dghajsa tieghu mid-dghajsa. Jew irid imur lura jew id-dghajsa ser tisparixxi."*

*"Jonathan inharaq meta haraq iz-zewg dghajjes fix-Xemxija, wahda minnhom hija l-Cola-Cola u l-ohra Santa Marija li kienet lanca tas-sajd. It-tnejn spiccaw."*

*"Imma r-Romatika inghatat in-nar. Jonathan taha n-nar."*

*"Il-Mermaid. .. Iva ma jridx id-dghajsa tieghu fl-ilma. Irid id-dghajsa tieghu lura jew barra mill-ilma b'kull mezz."*

*"Issa biex inkun onest m'inix interessat li nkun naf, ma rridx inkun naf x'ser jigrili. Jiena aktar interessat f'dak li George irid jaghmel bil-Mermaid."*

*"Taf ghaliex irid jaghmel hekk lid-dghajsa? Ghalfejn ma jridx jaghtihieli, ghax jien tlaqt minn mieghu."*

*"Issa qallek jew smajtu jghid? Ma nafx. Li rrid jahraq jew jerreq din id-dghajsa?"*

*"Ghamilha ovvja li jrid id-dghajsa barra mill-ilma b'kull mezz necessarju jigifieri jaghmel kollx biex johrogha mill-ilma …".*

Xehed ukoll **PS 696 Carmel Cauchi** fejn ikkonferma illi Christopher Sant kien mar jaghmel rapport fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) dwar xi argument li kien inqala' bejn George Grech u

Christopher Sant rigward ix-xoghol taghom ta' *boat taxis* tat-turisti. Ix-xhud identifika lill-imputat George Grech fl-awla.

Xehed ukoll **Natalino Bezzina** fil-kariga tieghu ta' *Station Officer* fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili li qal illi fiz-zmien l-incident odjern, huwa kien ghadu Surgent tal-Pulizija inkarigat mill-*fire brigade*. Qal li dakinhar tat-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) kien dahal rapport li kien hemm xi dghajjes qeghdin jaqbdu bin-nar mal-moll ta' fejn il-Vecca, San Pawl il-Bahar. Qal li kien hemm ukoll xi spluzjonijiet ta' cilindri tal-gas u ghalhekk l-operazzjoni tat-tifi tan-nar kellha tiehu izjed hin.

In kontro-ezami Natalino Bezzina qal illi huwa kien prezenti biss fuq il-post fejn kien sehh l-ewwel incident stante illi kien huwa li kien a karigu tal-operazzjoni tat-tifi tan-nirien. Qal illi dakinhar, l-ewwel dghajsa li hadet in-nar kienet gherqet izda t-tieni wahda baqghet tiggallegga. Jghid ukoll illi kien hemm dghajsa ohra izda sidha rnexxielu jsuqha lil hinn min-nirien.

Xehed ukoll **Patrick Magro** fejn qal illi dakinhar tal-incident huwa kien jahdem bhala *Manager* fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili. Jiftakar illi kmieni filghodu kien ircieva telefonata fejn gie mgharraf

illi kien hemm xi dghajjes qeghdin jaqbdu bin-nar. Meta mar fuq il-post, sab xi membri tal-*fire station* tax-Xemxija kif ukoll zewg membri ufficjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili. Jghid illi dawn il-membri qalulu illi kienet diga` sehhet xi spluzjoni ta' cilindri tal-gas. Jiftakar illi ghall-habta tas-sitta ta' filghodu (6:00am), wahda mid-dghajjes soggetta ghan-nirien, kienet gherqet. Jghid ukoll illi ma kien bl-ebda mod involut fl-investigazzjoni jew fl-operazzjoni ohra rigwardanti l-incident simili li sehh f'Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007).

Rega' xehed **Profs. Alfred Vella** fejn ipprezenta kopja tar-relazzjoni tal-kaz li kien sehh fit-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) fejn inharqu zewg lanec f'San Pawl il-Bahar, bl-isem ta' 'Comino Princess' u 'Santa Maria' (DOK AVX). Mill-istess rapport jirrizulta illi l-hruq origina fuq il-lanca Comino Princess u wara pproceda ghal fuq il-lanca tas-sajd Santa Marija. L-espert jasal ghas-segwenti konkluzjoni: *"Apparti ghall-fatt li kien hemm evidenza li kien sehh short circuit elettriku kif spjegat fuq il-lanca Comino Princess, mill-banda l-ohra, ma kien hemm ebda elementi ta' provi skontrati li kienu jissugerixxu illi kien gie kompjut xi att doluz fuq il-Comino Princess. Hekk, il-fuel li nstab fil-wicc tal-ilma bahar kien diesel fuel kif kien mistenni stante li dan kien proprju*

*il-materjal storjat fit-tankijiet taz-zewg lanec affettwati f'dan l-incident. Ma nstab xejn fuq is-scene of fire li kien estranju ghall-lanec u li kien suspettuz. Ghal dawn ir-ragunijet kollha, l-esponent jikkonkludi li n-nar fuq il-Comino Princess kien ta' origini accidentali u kkawzat minn short circuit elettriku."*

L-espert kien zamm ukoll diversi seduti minn fejn ha x-xhieda ta' diversi persuni fejn huwa jikkonkludi s-segwenti dwar il-hruq ta' Jonathan Grech: *"...wiehed ma jistax jinjora l-fatt li Christopher Colerio kien ikkorrobora x-xhieda ta' Grech rigward il-hin li huwa kien inharaq. U cjoe, li Grech kien diga` nharaq fit-8.00pm tas-7 ta' Settembru 2000, aktar minn hames sieghat qabel ma nharqet il-Comino Princess."*

Xehed **Patrick Galea**, fil-kariga tieghu ta' *Assistant Rescue Officer* fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili fejn spjega illi dakinhar tal-incident kienet intalbet l-ghajnuna tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili ghaliex kien hemm xi lanca taqbad bin-nar mal-moll ta' Bugibba. Huwa jghid illi hekk kif wasal fuq il-post sab illi kien hemm xi nirien fl-*engine room*. Jafferma illi n-nar ma kienx xi wiehed eccessiv u jghid ukoll illi ma kien hemm hadd izjed fuq il-post li kien qieghed b'xi mod jissogra hajtu.

Xehed ukoll **Brian Caruana** fil-kariga tieghu ta' *Assistant Rescue Office*r mad- Dipartiment tal-Protezzjoni Civili fejn spjega illi hekk kif inghajtu u gew mgharrfa b'dan l-incidnet, huwa mar fuq il-moll ta' Bugibba fejn sab dghajsa ('*Mermaid*') li kien hiereg xi duhhan minn gol-kabina taghha.

Rega' xehed l-**Ispettur Anthony Portelli** fejn ipprezenta sentenza moghtija mill-Magistrat Grixti, (seduta tal-VAT) li saret gewwa l-gzira t'Ghawdex, deciza nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn (2002), u dan fil-konfront ta' George Grech (Dok. APX).

Xehed **PS 46 Charlo Casha**, fejn gie muri l-Process Verbal tal-Magistrat Antonio Mizzi rigwardanti l-hruq ta' zewg dghajjes bl-isem ta' Comino Princes u Santa Maria. Ix-xhud qal illi huwa kien gie nominat bhala *Scene of Crime Officer* mill- Magistrat Antonio Mizzi nhar it-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) u dan fl-atti tal-inkjesta dwar il-hruq ta' zewg opri tal-bahar. Il-kompitu tieghu kien dak li jipprezenta r-relazzjoni tieghu dwar dan il-hruq (a fol. 65-79). Jghid ukoll li xi ritratti li gew ipprezentati fl-istess relazzjoni kienu ttiehdu mill-ex-PC 173 Brian Mangion (illum decedut).

Xehed ukoll **Michael Galea** fil-kwalita` tieghu ta' *Station Officer*. Huwa qal illi l-membri tal-*fire brigade* kienu gew mghajta fuq il-post ghall-habta tat-tlieta neqsin hamsa ta' filghodu (2:55am) minhabba xi nirien fuq xi dghajjes. Jghid illi x'hin waslu fuq il-post, sabu zewg lanec jaqbdu bin-nar. Qal ukoll illi kienu sehhew xi spluzjonijiet ta' xi cilindri tal-gas. Qal illi wahda miz-zewg dghajjes (u cioe` dik bl-isem ta' *Comino Princess*) kienet gherqet. Jghid ukoll illi kien hemm dghajsa ohra li rnexxielhom isalvawha billi assistew lil sidha sabiex isuqha 'l barra mill-moll.

Xehed **Massimo Cassar** fil-kwalita` tieghu ta' *fireman*, fejn spjega illi dakinhar tal-incident, kien stazzjonat fil-*fire station* tax-Xemxija. Jghid illi gie mghajjat kmieni filghodu minhabba xi nirien fuq zewg lanec.

Xehed ukoll **Saviour Chircop** fejn spjega illi dakinhar ta' dan l-incident, huwa kien stazzjonat gewwa l-*fire station* tax-Xemxija, fejn hekk kif nizel fuq il-post tal-incident, sab zewg dghajjes *"on fire"*. Spjega illi wahda minnhom kienet gherqet u l-ohra kien irnexxielhom isalvawha. Jiftakar illi l-operazzjoni tat-tifi ta' dan in-nirien kienet bdiet ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (3:00am) u baqghet ghaddejja sa izjed tard mis-sebgha ta' filghodu (7:00am).

Xehed **Joseph Calleja** fejn spjega illi huwa jahdem fis-*Civil Protection Fire Brigade*. Huwa jiftakar illi fis-sena elfejn (2000) kien gie mghajjat sabiex jassisti ghall-operazzjoni ta' tifi ta' nirien li kien hemm fuq zewg lanec. Jafferma illi wahda mid-dghajjes kienet gherqet.

Xehed ukoll **Sandro Muscat** fil-kwalita` tieghu ta' *fireman* gewwa l-*fire station* tax-Xemxija, fejn spejga illi dakinhar tal-incident huwa gie mghajjat kmieni filghodu minhabba xi nirien fuq dghajsa. Huwa jiftakar illi d-dghajsa inkwistjoni kienet iggib l-isem ta' 'Mermaid'. Jafferma illi dan l-incident sehh fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007). Qal ukoll illi konsegwenza ta' dan in-nar, din l-opra tal-bahar garbet xi hsarat izda baqghet tifflowtja.

Xehed **Christopher Coleiro** fejn spjega illi kien ra lil Jonathan Grech b'idejh it-tnejn u b'wiccu mahruqin. Ix-xhud kompla jghid illi Jonathan kien qallu li nharaq a causa ta' xi incident lavorattiv fuq id-dghajsa tieghu. Ix-xhud jafferma illi huwa ma kienx assista ghal dan l-incident u li qatt ma kien rikeb fuq id-dghajsa.

Illi fis-seduta tal-15 ta' April 2013 il-Prosekuzjoni ghalqet b'mod definittiv il-provi taghha.

Gie riprodott l-**Ex Spettur Anthony Portelli** in kontro-ezami fejn spjega illi l-kaz tal-hruq tad-dghajsa bl-isem ta' "*Mermaid*" kien inizjalment investigat mis-Supretendent Carmelo Magri u li kien huwa li ressaq lil Joswil Galea bhala akkuzat. Jghid illi fis-sena elfejn u ghaxra (2010) kien avvicinah l-istess Magri fejn ghaddilu xi xoghol minn tieghu stante illi Magri kien ha *promotion* u ghalhekk ma kienx ser jibqa' a karigu ta' dan il-kaz. Qal ukoll illi huwa ra l-*file* tal-Ghassa tal-Qawra fuq l-*arson* tad-dghajsa bl-isem ta' Comino Princess. Ix-xhud afferma illi Jonathan Grech kien ikkunsidrat bhala *suspect* ghall-hruq tal-Comino Princess.

Wara x-xhieda tal-Ex Spettur Anthony Portelli d-difiza eccipiet il-preskrizzjoni tal-ewwel akkuza a tenur tal-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali – verbal tat-23 ta' Marzu 2015.

Xehed **AC Carmelo Magri** fejn spjega illi huwa kien involut fil-proceduri tal-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Joswil Galea' (Sentenza esebita u mmarkata Dok. CM1). Huwa qal illi Joswil Galea, bil-permess tal-Qorti ppresjeduta mill-Mag. Hayman, kien

tkellem mal-istess xhud fejn ammetta illi huwa kien haraq id-dghajsa bl-isem ta' *Mermaid*, u dan fuq istruzzjonijiet ta' George u Jonathan Grech. Ix-xhud spjega li fil-mori tal-kawza 'Il-Pulzija vs. Joswil Galea', l-istess Galea kien irregistra ammisjoni dwar dan kollu.

Xehed in kontro-ezami **Paul Zammit** fejn qal illi huwa kien xtara d-dghajsa tieghu minghand George Grech. Qal ukoll illi dwar dan il-bejgh kien hemm procedimenti civili fuq xi kreditu pendenti li kien ghadu pendenti minn Paul Zammit. Ix-xhud spjega illi Grech kien ghamillu wkoll xi mandati, inkluz dak ta' qbid fuq din id-dghajsa. Qal illi wara l-ammissjoni ta' Joswil Galea, huwa kien tkellem mal-Ispettur Anthony Portelli u ma' AC Carmelo Magri fejn spjegalhom illi l-unika ghadu li qatt kellu kienu George u Jonathan Grech. Ix-xhud qal ukoll illi huwa qatt ma tkellem ma' Joswil Galea, izda qal illi dejjem kien prezenti ghas-seduti koncernanti lilu.

Paul Zammit ikkonferma illi f'Settembru tal-elfejn u sebgha (2007), u cioe' fix-xahar ta' meta sehh it-tieni incident, id-dghajsa bl-isem ta' 'Mermaid' kienet diga' koperta bil-polza tal-assigurazzjoni. Ix-xhud spjega illi din id-dghajsa kien xtraha

minghand George Grech izda ma setax jiftakar id-data tal-akkwist. Ix-xhud spjega illi dan il-bejgh kien sar in vista ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Flores fejn il-ftehim kien illi x-xhud kellu jhallas lil Grech mix-xoghol bid-dghajsa stess. Ix-xhud spjega illi minkejja dan il-ftehim huwa xorta ma hallasx lil Grech ghaliex sab xi difett fid-dghajsa. Kien ghalhekk illi l-imputat baghtlu ittra ufficcjali u intavola mandat ta' qbid f'dan ir-rigward. Ix-xhud qal illi d-dejn mertu ta' dan il-mandat thallas minnu u fil-fatt sar kontro-mandat fis-sena elfejn u tmienja (2008).

Ix-xhud qal ukoll illi a rigward l-incident tal-lanec bl-ismijiet Comino Princess u Santa Maria, huwa kien jaf illi Jonathan Grech kien gie akkuzat f'dan ir-rigward. Qal illi kien prezenti ghal kull seduta fil-kawza kriminali kontra Joswil Galea. Ix-xhud spjega illi huwa kellem lill-Ispettur Magri fejn spjegalu illi l-unici ghedewwa li qatt kellu kienu George u Jonathan Grech. Kien jaf illi l-Ispettur kellem lil Joswil Galea fejn qallu illi huwa kien haraq id-dghajsa tax-xhud b'vendikazzjoni. Madanakollu, wara tliet gimghat rikoverat l-isptar, Joswil Galea gharraf lill-Ispettur illi huwa kien gie mqabbad minn George Grech. Apparti minhekk, ix-xhud qal illi erbat' ijiem qabel il-hruq ta' din id-dghajsa, George Grech kien qallu: *"issa tara x'ha naghmillek*".

In re-ezami Paul Zammit qal illi dakinhar li nharqet id-dghajsa tieghu, ghall-habta tal-erbgha ta' filghodu (4:00am) kien sab madwar seba' (7) *missed calls*, b'dan illi tnejn minnhom kienu minghand l-imputat George Grech min-numru 99474168. Ix-xhud qal illi malli cempel lil George Grech huwa qallu li kien hemm xi hadd li kien ipprova jahraqlu d-dghajsa. Ix-xhud spjega illi r-relazzjoni tieghu ma' George Grech kienet dejjem hazina u dan anke fuq il-lant lavorattiv. Dan ghaliex l-istess Grech kien dejjem jara x'ser jaghmel sabiex jaghmel hsara lix-xhud. Ix-xhud semma' illi ftit qabel l-incident, waqt li kien qieghed xoghol bid-dghajsa tat-turisti, Grech mar hdejh u telliflu xi negozju. Ix-xhud afferma wkoll illi ma kinitx l-ewwel darba illi Grech kien jorqod fuq id-dghajsa tieghu, u dan inkluz fil-gurnata illi fiha inharqet id-dghajsa tax-xhud.

Id-difiza hawnhekk ipprezentat kopji tal-ittra ufficcjali u l-mandat ta' qbid li gie ntavolat minn Saguna Company Limited kontra Paul Zammit specifikament rigward id-dghajsa Mermaid (Dok. KG1 sa KG3).

Xehed l-**Ispettur Carlos Cordina** fejn ipprezenta kopja tal-akkuzi fil-konfront ta' Joswil Galea, datati sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007), kif ukoll il-fedini penali ta' Christopher Coleiro (K.I. 84789M) u ta' Joswil Galea (K.I. 512978M) liema fedini huma refrattarji.

Il-Qorti rat illi fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2018 (a fol. 712) id-difiza qajmet eccezzjoni rigward l-ammissibilita` tax-xhieda ta' Joswil Galea fejn anki pprezentat rikors u sentenzi in sostenn ta' dan a folio 714 et sequitur tal-process.

Rat illi fil-25 ta' Gunju 2018 il-Qorti tat digriet fejn gie deciz li Joswil Galea gie dikjarat bhala xhud inammissibbli u ghalhekk ix-xhieda tieghu giet sfilzata mill-atti odjerni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi ghar-rigward tal-ewwel akkuza l-Qorti tinnota li d-difiza kienet eccipiet il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 688 (d) liema

paragrafu jitkellem fuq preskrizzjoni ta' hames snin ghal delitti suggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena. Fil-kaz odjern it-terminu relattiv ta' preskrizzjoni huwa ta' ghaxar snin stante li l-piena kontemplata fl-artikolu 317(a)(ii) dedotta fil-konfront ta' Jonathan Grech hija ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin.

Illi Jonathan Grech tressaq quddiem il-Qorti fis-7 ta' Settembru 2010. Id-data inkriminata tirreferi ghal lejl bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2000. Mix-xhieda ta' Andrew Schembri, sid id-dghajsa Comino Princess, johrog car illi l-hruq sar wara s-siegha ta' filghodu stante li l-istess Schembri qal li kienu hargu biha ghal *barbeque* u dahlu fis-siegha ta' filghodu li jfisser allura r-reat twettaq fis-sieghat bikrin tat-8 ta' Settembru 2000. Ghaldaqstant din l-akkuza mhijiex preskritta. Minkejja dan il-Qorti tiddeplora l-inadempjenza tal-Prosekuzzjoni li damet ghaxar snin sabiex tressaq lil Jonathan Grech fuq l-ewwel akkuza.

Sorvolata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-Qorti ser tezamina l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-ewwel akkuza.

F'dan is-sens il-Qorti tinnota r-relazzjoni tal-espert fil-kimika Profs. Alfred Vella fejn fis-sena elfejn (2000) meta fil-fatt sehh il-hurq tal-lanec bl-ismijiet *Comino Princess* u *Santa Marija* kien gie nominat sabiex jirrelata dwar l-istess. L-espert ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' *foul play*, anzi huwa jikkonkludi bic-cert li dan il-hruq sehh a kawza ta' *short* elettriku.

Illi l-Prosekuzzjoni qatt ma resqet prova li kkontrastat din il-konkluzjoni. Fil-verita` ma resqet l-ebda prova konkreta. Ix-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni qalu biss li kienu jafu li kien hemm disgwid bejn l-imputati Grech u sid il-lanca *Comino Princess*. B'kull rispett dan ma jammontax ghall-prova.

Illi dak iz-zmien, u cioe` fis-sena elfejn (2000), il-Pulizija kellha suspett f'Jonathan Grech peress li kellu xi hruq ma' jdejh u f'wiccu. Minkejja dan meta Jonathan Grech gie mitkellem mill-Pulizija kien qal li l-hruq tieghu gabhom fis-7 ta' Settembru mhux fit-8 ta' Settembru 2000 meta kien qed isahhan xi *pipe* tal-*exhaust* fuq id-dghajsa ta' missieru bl-isem *Romantica*. L-imputat kien qal ukoll li kellu lil Clifford Attard u lil Christopher Coleiro bhala *alibi*.

Illi l-Qorti tinnota li l-espert Profs. Alfred Vella dak iz-zmien kien wasal ghall-konkluzjoni fuq dan il-punt ukoll fejn huwa kien awtorizzat jisma' wkoll ix-xhieda u ha l-verzjonijiet ta' diversi persuni a tempo vergine u cioe` ghaxar snin ilu. L-espert fil-fatt ikkonkluda s-segwenti dwar il-hruq ta' Jonathan Grech: *"…wiehed ma jistax jinjora l-fatt li Christopher Colerio kien ikkorrobora x-xhieda ta' Grech rigward il-hin li huwa kien inharaq. U cjoe, li Grech kien diga` nharaq fit-8.00pm tas-7 ta' Settembru 2000, aktar minn hames sieghat qabel ma nharqet il-Comino Princess."*

Illi ghalhekk il-Qorti tinnota li l-istqarrija ta' Jonathan Grech giet ikkorroborata minn Christopher Colerio. Di fatti l-verzjoni ta' Jonathan Grech fl-ebda hin ma giet imgiddba u ma hemm l-ebda prova fl-atti odjerni li tindika li Jonathan Grech kien qed jigdeb. Il-fatt wahdu li nharaq ma jfissirx awtomatikament li huwa kien fuq il-lanca *Comino Princess* dakinhar tat-8 ta' Settembru 2000 u li hu haraq l-istess lanca. Il-hruq li kellu Jonathan Grech semmai jikkonsistu f'prova cirkostanzjali li wahedha pero` din il-prova mhijiex bizzejjed; irid ikun hemm provi ohra cirkostanzjali u fl-atti processwali ma hemmx.

Illi jirrizulta lill-Qorti li l-Prosekuzzjoni ma mexietx b'mod professjonali fil-kaz odjern u dan qed jinghad ghaliex il-Prosekuzzjoni resqet imputat ghaxar snin wara d-data tal-incident fuq supposizzjonijiet minghajr ebda bazi legali. Dan u aktar meta hemm rapport tal-espert Profs. Alfred Vella li huwa carissimu fil-konkluzjoni tieghu li ma kien hemm l-ebda *foul play* fil-hruq tal-lanec *Comino Princess* u *Santa Marija*. L-Ufficcjal Prosekutur mexa biss a bazi ta' suspett meta s-suspett irid ikun ibbazat fuq fatti u mhux fuq kongetturi.

Illi ghalhekk l-ewwel (1) akkuza fil-konfront tal-imputat Jonathan Grech ma gietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

Illi t-tieni (2) akkuza, fejn jinsabu akkuzati z-zewg imputati, tittratta dwar komplicita` fir-reat ta' hruq ta' bastiment bl-isem *Mermaid*. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota li l-awtur ta' dan ir-reat kien certu Joswil Galea li kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati diversament presjeduta. Waqt l-andament tal-proceduri l-istess Joswil Galea talab sabiex jitkellem mal-Ispettur Carmelo Magri fejn, skont l-istess l-Ispettur, Joswil Galea qal li huwa kien gie mqabbad sabiex jahraq il-lanca bl-isem *Mermaid* mill-imputati

Jonathan u George Grech. Kien proprju ghalhekk illi l-Ispettur Anthony Portelli ressaq lill-imputati odjerni fis-7 ta' Settembru 2010.

Illi l-Ispettur Anthony Portelli ressaq lil Joswil Galea f'dawn il-proceduri sabiex jaghti l-verzjoni tieghu. Minkejja dan din it-testimonjanza giet sfilzata permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Gunju 2018 fejn gie deciz li Joswil Galea huwa xhud inammissibbli u ghalhekk ix-xhieda tieghu giet sfilzata mill-atti odjerni.

Illi sprovvista mix-xhieda ta' Joswil Galea, il-Qorti tirrileva illi ma hemm ebda prova ohra fl-atti odjerni li tipponta versu l-imputati. Illi sussegwentement kien anki xehed is-Supretendent Carmelo Magri fejn huwa qal dak kollu li allegatament kien qallu Joswil Galea izda dan jammonta biss ghal *detto del detto.* Certament il-Qorti ma tistax issib htija fuq *hearsay evidence.*

Illi l-Prosekuzzjoni kienet esebiet anki zewg *cassettes* b'*recordings* ta' konversazzjonijiet. F'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li apparti l-fatt li dawn ir-*recordings* qatt ma gew ikkonfermati bil-gurament

mill-awtur taghhom, il-Qorti fl-ebda hin ma giet indikata min qed jitkellem u semmai, mill-ftit li wiehed jista' jifhem, il-persuni li qeghdin jitkellmu f'dawn ir-*recordings* qeghdin biss jispekulaw.

Illi apparti minhekk il-Prosekuzzjoni tellghet diversi xhieda liema xhieda qalu biss li kienu jafu li kien hemm xi disgwid bejn l-imputati u sid id-dghajsa *Mermaid*, certu Paul Zammit. Anki x-xhieda ta' Paul Zammit stess mhijiex konkreta u hija bbazata biss fuq suspetti u spekulazzjonijiet. B'kull rispett dan qatt ma jista' jwassal Qorti Kriminali sabiex issib htija fl-imputati.

Illi l-Qorti nnutat ukoll li fir-rapport tal-espert Profs. Alfred Vella l-istess espert kien ghamel suggeriment lill-Prosekuzzjoni sabiex hija ggib evidenza fuq il-fatt li l-imputat George Grech kien cempel lil sid id-dghajsa *Mermaid* qabel ma kienu cemplulu l-Pulizija. Minkejja dan il-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci prova f'dan is-sens hlief ghax-xhieda tal-istess Paul Zammit f'liema xhieda huwa stess jghid li George Grech kien ta' spiss jorqod fuq id-dghajsa tieghu inkluz dak il-lejl meta nharqet id-dghajsa tieghu li allura tispjega ghalfejn George Grech kien cempillu immedjatament.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha din il-Qorti thoss li ma ngabux bizzejjed provi sabiex l-akkuzi odjerni jigu ppruvati oltre d-dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati Jonathan Grech u George Grech hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tilliberahom minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**